**IL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI JAQBEL MAN-NOMINI GĦALL-MEMBRI FIL-KUNSILL GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT**

Fl-Artiklu 35 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji tal-2007 insibu li l-Ministru għall-Politika Soċjali għandu jikkonsulta mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati dwar in-nomini tal-membri fil-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat.

Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali stieden lill-Professur Kenneth Wain, Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u s-Sur Remiġio Bartolo, uffiċjal fil-Ministeru għall-Politika Soċjali sabiex flimkien jiġu diskussi n-nomini u r-rilevanza tagħhom fil-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat.

Il-membri tal-Kumitat qablu unanimament ma' dawn in-nomini u offrew l-għajnuna tagħhom kollha lill-Kummissarju Wain u l-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat. Il-Kumitat jemmen fit-tisħiħ tas-settur volontarju għaliex huwa kapital soċjali u jgħin fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tas-soċjetà Maltija. Id-diskussjoni ffukat ukoll fuq ir-relazzjoni li għandu jkun hemm bejn il-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat u l-Kunsill Malti għall-iSports sabiex tiġi evitata duplikazzjoni ta' xogħol. Il-Kummisarju saħaq li għalkemm ir-reġistrazzjoni tal-għaqdiet volontarji mhix mandatorja, huwa jħeġġeġ aktar għaqdiet jirreġistraw ħalli b'hekk jibbenefikaw minn diversi skemi u miżuri li jgħinu l-għaqdiet fl-operat tagħhom.

L-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji jipprovdi għat-twaqqif ta' Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat sabiex jassisti lill-Kummissarju u jipprovdu forum għall-koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet volontarji u l-Gvern. Il-Professur Wain inħatar Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji lejn l-aħħar tal-2007, wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Fil-futur huwa mistenni li jiġi diskuss ir-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-Organizzazzjonijiet Volontarji mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali wara li dan jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra mill-Ministru għall-Politika Soċjali.

Il-laqgħa tmexxiet mill-Onor. Edwin Vassallo MP, *Chairperson* tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali u kienu preżenti wkoll l-Onor. Frederick Azzopardi MP, l-Onor. Justyne Caruana MP, l-Onor. Michael Farrugia MP, l-Onor. Michael Gonzi u l-Onor. Anthony Zammit MP.

**DOI – 21.10.2008**